**IN-NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 26 - L-ERBGĦA 24 TA' MARZU 2021**

Din il-laqgħa saret permezz ta' Zoom Cloud Meeting fis-17:45

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Sindku |
| | Dr Christopher Deguara | Viċi-Sindku |
| | Marlon Brincat | Kunsillier |
| | Mary Anne Cuomo | Kunsillier |
| | Mark Anthony Deguara | Kunsillier |
| | Joseph Spiteri | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Ivan Gaffiero | Kunsillier |
| | Stephen Abela | Kunsillier |
| Uffiċjali preżenti: | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Gloria Debono | Uffiċjal Eżekuttiv |

Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li l-laqgħa qed tiġi trasmessa *live* fuq il-paġna ta' *Facebook.*

**1. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI**

1.1 Kulħadd kien preżenti u allura ma kienx hemm apoloġiji.

**2. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TL-MINUTI**

2.1 Is-SE ippreżenta l-minuti tal-laqgħa preċedenti (seduta nru. 24) li saret nhar l-Erbgħa 24 ta' Frar 2021.

2.2 Il-Minuti kienu ikkunsidrati moqrija u ġew approvati *nem con* wara proposta mill-Kunsillier Cuomo issekondata mill-Kunsillier Gatt.

**3. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

3.1 Is-Sindku ppreżentat il-komunikazzjoni tagħha kif ġej:

3.2 Fil-25 ta' Frar is-Sindku kellha laqgħa *online* ma' Weave Consulting Services kif ukoll mas-Surmast tal-iskola Primarja fejn qed jiġi diskuss proġett sostenibbli. Dan jinkludi Green Gyms li l-fondi tiegħu huma mid-Development Planning Fund.

3.3 Is-Sindku infurmat lill-Kunsillieri li kellha laqgħa mas-Surmast tal-Iskola Primarja u ġiet infurmata li l-iskola ngħatat il-Green Flag. Dan il-proġett huwa organizzat minn Nature Trust biex flimkien jippromwovu edukazzjoni fuq żvilupp sostenibbli bl-isem EKO SKOLA.

3.4 Is-Sindku infurmat lill-Kunsillieri li preżentat kotba bil-lingwa Bulgara lis-Surmast tal-iskola Primarja. Dawn il-kotba kienu mogħtija lis-Sindku mingħand is-Sindku ta' Strumyani, Bulgarija, sabiex jitpoġġew fil-librerija tal-iskola għal studenti Bulgari għal aktar sens ta' inklużjoni fis-Soċjetà Maltija.

3.5 Fis-26 ta' Frar is-Sindku u s-SE kellhom laqgħa mas-Sindku u s-SE tal-Għargħur fejn ġie diskuss il-periklu kbir li hemm fi Triq John Adye. Hemm bżonn li jsiru barriers minħabba li hemm *black spots* perikolużi. Dawn kellhom isiru minn IM peress li l-kisi tat-triq bit-tarmak sar minn naħa tagħhom.

3.6 Is-Sindku infurmat li fis-26 ta' Frar kellha laqgħa dwar proġett bl-isem JAYE Naxxar Community Project. Dan se jsir bħala proġett pilota ġewwa n-Naxxar biex l-istudenti jintroduċuhom fid-dinja tan-negozju. Il-pilastri ewlenin ta' dan il-proġett se jkun *enterpreneurship, financial literacy*. Din se tkun parti minn *Global Enterpreneurship week* li se ssir bejn it-8 u l-14 ta' Novembru 2021.

3.7 Fit-3 ta' Marzu is-Sindku kellha laqgħa mas-Sur Joe Debono minn Waspa Tournament, Naxxar Table Foorball Club. L-iskop ta' dan il-klabb huwa li jkattar l-ipprattikar tal-isport tas-subbuteo table football fuq bażi lokali u li jorganizza wkoll kampjonat lokali kif ukoll kompetizzjonijiet oħra. Preżenti għal din il-laqgħa kien hemm is-SE flimkien mal-Kunsiller Deguara. Huwa talab l-appoġġ tal-Kunsill f'dan l-isport u informa li lest jikkolabora mal-Kunsill b'mod attiv. Huwa ippreżenta wkoll tifkira lill-Kunsill.

3.8 Fl-4 ta' Marzu l-Kunsill vara l-proġett LC Care. Preżenti kien hemm is-SE kif ukoll il-Kunsillier Abela fejn sar messaġġ li ġie trasmess fuq il-paġna ta' FB tal-Kunsill.

3.9 Fis-16 ta' Marzu s-Sindku kellha laqgħa tar-Reġjun Tramuntana.

3.9.1 Se ssir laqgħa mal-Pulizija rigward *Community Policing.*

3.9.2 Ġie diskuss li l-Kunsill għandu jikteb lid-Direttur tal-Kunsilli Lokali sabiex navżawh meta l-kuntratt tal-iskart se jiskadi peress li l-kuntratt il-ġdid se jkun Reġjonali minn April 2022.

3.9.3 Hemm fondi tal-LESA tal-Kultura u dawn iridu jintużaw sal-aħħar ta' Mejju u peress li mhux fattibbli li jsiru attivitajiet, dawn il-fondi se jiżdiedu mal-fondi tas-CCTVs. Is-Sejħa tal-Offerti saret u bħalissa qed jiġu evalwati. Għalhekk minn żewġ (2) CCTV se jsiru tlieta (3) u f'każ li l-Kunsill ikun irrid ir-raba' waħda ir-Reġjun iħallas parti minnha. L-ispejjeż tal-manutenzjoni u l-internet ikunu f'idejn il-Kunsill. Is-Sindku ssuġerit li dawn jitwaħħlu fil-Ġnien Toni Vella, fit-Triq l-Imdina, tnejn (2) fit-Triq San Pawl – waħda fejn is-*supermarket* u l-oħra fejn il-ħwienet, fit-Triq il-Parroċċa kantuniera ma' Triq Nutar Debono u l-Pjazza. Il-Kunsillier Brincat issuġerixxa li hemm bżonn waħda fil-Ġnien l-Imħalla. Il-Kunsillier Cuomo issuġerit li ssir oħra fil-Ġnien il-Kappella ta' Santa Marija. Il-Kunsillier Abela issuġerixxa li ssir waħda fi Vjal 21 ta' Settembru fejn l-istatwa tal-Madonna u matul it-triq. Il-Kunsillier Spiteri issuġerixxa li ssir waħda fil-ħruġ tat-Triq Buzjett. Is-Sindku

nfurmat lil Kunsillieri li se tgħaddi dawn is-suġġerimenti lill-LESA sabiex jinfurmawha fejn hu pratikabbli li jsiru dawn il-CCTVs.

3.9.4 Kien hemm proposta għal *Cigarette Bins*. Aktar dettalji fil-laqgħa li jmiss.

3.10 Fis-17 ta' Marzu s-Sindku flimkien mas-SE kellhom laqgħa virtwali mas-Segretarju tal-Ministru Dr. Michael Farrugia rigward Lollipop Grannies (aktar fin-numru 10 isfel).

3.11 Fis-17 ta' Marzu saret żjara mill-Ministru Dr Ian Borg fi Triq il-Forġa. Preżenti kien hemm is-Segretarju Eżekuttiv kif ukoll il-Kunsillier Brincat.

3.12 Fis-17 ta' Marzu s-Sindku kellha laqgħa virtwali dwar l-immaniġjar tal-iskart. Din ġiet organizzata mid-Dipartiment tal- Gvern Lokali.

3.13 Is-Sindku infurmat li fit-18 ta' Marzu kien hemm smiegħ PA 04347/19 tal-Bord tal-Appell biex jissanzonja l-użu tal-art għal *Waste Construction Facility*. Il-Kunsill kien oġġezzjona minħabba li hija art *arable farming.* Din ġiet posposta għal Ottubru.

3.14 Is-Sindku infurmat dwar formola li ntbagħtet rigward il-*charging pillars*. Il-Kunsillieri kkonfermaw li rċevew l-imejl. Il-Kunsillier Cuomo nfurmat li bgħatet il-formola min-naħa tagħha. Is-Sindku proponiet li jsiru waħda (1) fiċ-ċentru ta' San Pawl tat-Tarġa u oħra ġewwa l-Birguma. Din hija inizjattiva minn naħa ta' AKL fejn qed jgħatu opportunità lil Kunsill sabiex jgħażlu huma fejn jixtiequ jiġu installati ċ-*charging pillars*. Is-Sindku talbet lill-Kunsillier Gatt sabiex flimkien jaħdmu fuq din u jiddeċiedu l-post addekwat fejn jiġu nstallati dawn il-*charging pillars*.

3.15 Is-Sindku infurmat li l-Kunsill issottometta l-applikazzjoni għal Smart Solutions tal-Waste Management.

3.16 Is-Sindku infurmat li l-Kunsill issottometta l-applikazzjoni tad-Devoluzzjoni tal-art madwar il-Mitħna lid-Dipartiment tal-artijiet skond id-deċiżjoni li ttieħdet fil-laqgħa b'urġenza nru 25 li saret il-Ħamis 4 ta' Marzu 2021.

## 4. TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

4.1 Il-Kunsillier Brincat staqsa lis-SE dwar toroq li saru fin-Naxxar minn Infrastructure Malta. Il-mistoqsija u t-tweġiba tal-Kunsillier Brincat jinsabu annessi f'A.

## 5. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TA' RAPPORTI FINANZJARJI

5.1 Is-SE ippreżenta r-rapporti finanzjarji.

5.2 Il-Kunsill approva (*nem con*) wara proposta mis-Sindku ssekondata mill-Kunsillier Deguara. Dan jinkludu l-lista tal-pagamenti (immarkata Seduta tal-Laqgħa nru. 8/26) kif ukoll ir-rendikonti tad-dħul u ordnijiet u l-infiq mill-Petty Cash. Dawn huma annessi f'appendiċi B, Ċ, D u E rispettivament.

5.3 Saru s-18:45, u l-Kunsillier Cuomo skużat ruħha mill-laqgħa.

## 6. MINUTI TAL-KUMMITAT TAL-FINANZI

6.1 Is-SE ressaq il-minuti tal-laqgħa tal-Kumitat tal-Finanzi li saret it-Tnejn 15 ta' Marzu (anness f'appendiċi F).

6.2 Il-Kunsill approva l-minuti *nem con* fuq proposta mis-Sindku ssekondata mill-Viċi Sindku.

## 7. MINUTI TAS-SOTTOKUMITAT TAT-TALBIET U LMENTI

7.1 Is-SE ressaq il-minuti tal-laqgħa tal-Kumitat tat-talbiet u lmenti li saret it-Tnejn 15 ta' Marzu (anness f'appendiċi Ġ).

7.2 Il-Kunsillier Spiteri talab li tiġi kunsidrata t-talba tal-każ numru 10632. Wara diskussjoni fit-tul, il-Kunsill qabel li ssir tabella '*No Heavy Vehicles except to render a service"* kif ukoll li jitneħħa parkeġġ.

7.3 Il-Kunsillier Spiteri talab li tiġi kkunsidrata t-talba tal-każ numru 10589. Dan il-każ kien rigward *build-out* tal-bankina fi Triq San Ġorġ. Din it-talba ma ġietx aċċettata fis-sottokumitat tat-talbiet u lmenti. Wara diskussjoni fit-tul is-Sindku ddeċidiet li jittieħed vot dwar id-deċiżjoni tal-kumitat. Il-Kunsillier Spiteri oġġezjona filwaqt li l-Viċi Sindku astjena mill-vot. Il-kumplament tal-Kunsillieri approvaw dak deċiż fil-laqgħa tas-sottokumitat.

7.4 Il-Kunsill approva r-rapport fuq proposta mis-Sindku ssekondata mill-Kunsillieri Spiteri u Brincat.

## 8. KWISTJONI MAL-KUNTRATTUR TAR-RESTAWR TAL-MITĦNA

8.1 Is-SE spjega rigward il-kwistjoni tal-ħlasijiet li bħalissa hemm bejn il-kuntrattur u l-Kunsill. Il-kuntrattur kien bagħat żewġ kontijiet li kienu ġew ċertifikati mill-Perit. Minħabba li kien hemm varjazzjoni fil-prezzijiet il-Managing Authority ma laqatx dawn il-kontijiet. Il-Kunsill flimkien mal-Perit tal-Kunsill spjega lillkuntrattur aktar minn darba sabiex jirrevedi l-kontijiet. Dan ma kienx iffisser li tax-xogħol żejjed ma kienx se jitħallas għaliex dawn il-varjazzjonijiet kienu se jiżdiedu mal-kontijiet ta' wara.

8.2 Is-SE żdied jgħid li l-kuntratt spiċċa skada u l-kuntrattur għadu sal-lum ma ġiex jiffirma l-kuntratt sabiex jiġi estiż. Il-untrattur ma jistax jitħallas qabel il-kuntratt jiġi ffirmat.

8.3 Il-Kunsill rċieva ittra mill-avukat tal-kuntrattur sabiex il-kuntrattur jitħallas. Rigward dan saret laqgħa permezz ta' *zoom meeting* mal-avukat tal-Kunsill, għal din il-laqgħa kienu preżenti s-Sindku, is-SE, il-Periti tal-Kunsill, il-Kunsillier Brincat, il-Project Manager kif ukoll uffiċjal mill-amministrazzjoni. Ġie deċiż sabiex l-avukat jikteb ittra lill-avukat tal-kuntrattur sabiex niġu għal soluzzjoni.

8.4 Il-Kunsill qed jistenna risposta rigward dan.

## 9. IL-KWISTJONI TAR-RESTWAR TAL-ISTATWI

9.1 Is-Sindku talbet lill-Kunsill jieħu deċiżjoni rigward din il-kwistjoni li ġiet diskussa diversi drabi fil-laqgħat preċedenti.

9.2 Is-Sindku sostniet li jekk il-Kunsill jitlob għal revoka tal-permess li għandha l-Knisja mill-Awtorità tal-Ippjanar, dan jieħu ħafna fit-tul bir-riżultat li ma tiġix

aċċettata l-applikazzjoni għar-revolka. Mill-banda l-oħra f'dan l-istadju ma kienx hemm ċertezza jekk il-Knisja tistax tkompli bix-xogħol u allura kien ukoll riskjuż li l-Kunsill jirtira mill-proġett tiegħu.

9.3 Wara diskussjoni fit-tul kien hemm qbil li s-Sindku titlob konferma mingħand l-Arċipriet jekk humiex se jkomplu l-proġett huma u jekk fl-affermattiv il-Kunsill jirtira mill-proġett.

## 10. PROPOSTA TA' INIZJATTIVA BĦALA PROĠETT PILOTA MAL-MINISTERU RESPONSABBLI MILL-ANZJANI

10.1 Saret laqgħa mas-Segretarju tal-Ministru Dr Micheal Farrugia fejn ġiet diskuss din l-inizjattiva ġdida sabiex jinvolvu lill-anzjani aktar fis-soċjetà.

10.2 Għal din l-inizjattivà ntgħażlu żewġ (2) lokalitajiet minn madwar Malta u Għawdex fosthom il-lokalità tan-Naxxar.

10.3 Is-SE ippreżenta din l-inizjattiva anness f'appendiċi Ħ.

10.4 Dwar dan il-Kunsill qabel filwaqt li s-Sindku se tkompli tiddiskuti mal-Ministeru dwar il-loġistika tal-proġett.

## 11. TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

11.1 Id-data tal-laqgħa ta' April ġiet deċiża fil-laqgħa preċidenti nr 24. Il-laqgħa li jmiss issir fit-28 ta' April fis-17:30.

11.2 Il-Laqgħa ntemmet fit-20:10.

| | |
|---|---|
| **ANNE MARIE MUSCAT FENECH ADAMI** | **PAUL GATT DIP.MGMT (HENLEY), MIM** |
| **SINDKU** | **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** |

# Appendiċi A

Nixtieq insaqsi dawn il-mistoqsijiet.

Kemm il-triq gewwa in-Naxxar giet mamula min Infrastructure Malta, Ismijiet ta' toroq, kemm il kilometru ta' asfalt jamontaw,jekk hu posibli l-amont ta' flus li intefqu. Qed nitlob ukoll il-lista ta' toroq li ha jibdew jew bdew.

Grazzi Tislijiet,
Marlon Brincat

22 ta' Marzu 2021

---

Is-Segretarju Eżekuttiv iwieġeb:

Minħabba li l-Kunsill ma jkunx infurmat bix-xogħlijiet li Infrastructure Malta tkun se twettaq fil-lokalità, mhux possibli nipprovdi tali informazzjoni.

**24 ta' Marzu 2021**